# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Numru 2339

Kaz Nru: 3027 / ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Daniela Nappa Licari

u

Gafa Saveway Ltd

Illum : 8 ta' Jannar, 2015

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta.*

CHAIRMAN: Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avv. Joanne Vella Cuschieri fil-31 ta' Mejju, 2012 f'isem ir-rikorrenti Daniela Nappa Licari.

Dan il-kaz kien assenjat lic-Chairperson is-Sinjura Mary Gaerty, li wara ir-rizenja taghha gie assenjat lic-Chairperson Dott. Katrina Borg-Cardona li minn naha taghha astjeniet mill-tiehu konjizzjoni tal-kaz b'Digriet datat 6 ta' Jannar, 2014, fejn gie assenjat lic-Chairpersonis-Sur Edmund Tabone, fit-22 ta' Jannar 2014.

Ir-rikorrenti, Daniela Nappa Licari, kienet mpjegata bhala part-time cleaner fit-3 ta' Novembru 2010. Hija kienet mpjegata fuq bazi indefinita. Hija kienet impjegata mal-Kumpanija Clentec Ltd. Sar 'transfer of business' u r-rikorrenti giet ingaggata mas-Socjeta' ntimata li biddlet xi kundizzjonijiet tax-xoghol li kellha qabel fosthom li f'certu hinijiet kienet tigi ezentata milli tahdem biex tattendi kors. Ir-rikorrenti oggezzjonat ghal dan u sfat imkeccija.

Hija ukoll irceviet ittra mis-socjeta' ntimata biex thallas in-notice ghax skond is-socjeta' ntimata sostniet li kienet r-rikorrenti li tterminat l-impjieg. Ir-rikorrenti jikkontendiet li t-terminazzjoni mis-socjeta' ntimata ma kienetx valida u skond il-ligi u ghaldaqstant titlob lil dan it-Tribunal jiddikjara terminazzjoni ngusta u li jaghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni nkluz li r-rikorrenti tigi ntegrata f'xoghlha u tithallas kumpens gust.

Minn naha taghha s-socjeta' ntimata sostniet li hi ma ghamlet l-ebda terminazzjoni u li kienet r-rikorrenti li qabdet u ma rrapurtatx ghax-xoghol kif kien suppost mistenni minnha. Is-socjeta' kompliet tiddikjara li kif nnotat li r-rikorrenti ma gietx ghax-xoghol, talbet in-notice money kif tistipula l-Ligi. Is-socjeta' ddikjarat ukoll li ma kien hemm l-ebda tibdil fil-kundizzjonijiet tax-xoghol kif gie allegat fir-rikors tar-rikorrenti.

## Fatti

Kif gie riferut aktar l-fuq ir-rikorrenti bdiet tahdem ma' Clentec Ltd bhala part-time cleaner fid-data msemmija fuq kuntratt indefinit. Giet ipprezentata l-employment history mill-ETC tar-rikorrenti li turi li t-transfer of business minn mal-Clentec Ltd sar fil-31 ta' Marzu 2012, l-ingagg mas-socjeta' ntimata sar fl-1 ta' April, 2012, u li r-rizenja tar- rikorrenti (dejjem skond id-dokumentazzjoni ta' l-ETC) saret ukoll fl-1 ta'April 2012. Gie esebit il-kuntratt tax-xoghol li r-rikorrenti kellha ma' Clentec Ltd. Fil-kuntratt ma hemm l-ebda referenza ghal xi kundizzjoni specjali biex ir-rikorrenti tattendi xi forma ta' kors.

## Provi

F'dawn il-proceduri xehdu : Paulette Gafa – Direttur Gafa Saveway Ltd u r-rikorrenti. Diversi dokumenti gew esebiti.

## Kunsiderazzjonijiet

Fix-xhieda taghha is-Sinjura Paulette Gafa – Direttur tas-Socjeta ntimata qalet li l-informazzjoni fuq il-haddiema kollha waslet ghandhom jumejn biss qabel kien se jibda x-xoghol inkluz ir-roster u li meta laqqghu lil haddiema qalulhom biex jibdew b'din ir-roster li nghatat lilhom u wara jekk hemm bzonn jitrangaw xi affarijiet. Is-Sinjura Gafa kompliet li r-rikorrenti ogezzjonat u telqet il-barra mill-laqgha u ma dehritx aktar. Hi kompliet li kienet inbaghtet ittra fejn ir-rikorrenti naghtat hames (5) t'ijiem cans biex tispjega il-pozizzjoni taghha izda ma gietx risposta. Din l-ittri ma gietx esebita izda ma gietx michuda.

Min naha tar-rikorrenti fix-xhieda taghha qalet li meta fil-laqgha semmew il-kors qalulha biex titilaq il-barra.

Dan permess, it-Tribunal jikkonsidra li:

Mix-xhieda limitata u dokumenti esebiti t-Tribunal jinnota nuqqas ta' professjonalita' kif sar it-'transfer of business' kemm vis-a-vis s-socjeta' ntimata u kemm vis-a-vis il-haddiema.

It-Tribunal jinnota ukoll certu atteggjament negattiv min naha tar-rikorrenti kif ukoll jinnota li rikorrenti wara ftit zmien mit-terminazzjoni giet impjegata bhala ‘care worker’ li propju kien il-kors li kienet qed tattendi li wassal ghal dan.

Fi ‘transfer of business’ il-komunikazzjoni u d-dettal bejn il-partijiet kollha involuti hija vitali. F’dan il-kaz din kienet nieqsa sew u l-partijiet kollha baghtew il-konsegwenzi.

Il-kors imsemmi fil-provi gie riferit bhala koncessjoni u /jew *understanding*. Dan ukoll u altru milli professjonali. Ghalhekk id-dettal bil-miktub huwa ferm importanti fi ‘transfer of business’.

Ghaldaqstant mehuda in-konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, d-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jiddeciedi li t-terminazzjoni kienet wahda ta-rizenja. It-talba mis-socjeta’ ntimata’ tan-notice money qed tigi michuda anke minhabba xi bilanci tal-leave pendenti tar-rikorrenti.

Ghal-finijiet ta’ l-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi drittijiet ta’ min assista lil-partijiet fl-ammont ta’ tlieta u disghin euro u sbatax il-centezmu €93.17.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat: ____________________________________

**Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**